MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 765/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joseph Sultana**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Sultana li gie akkuzat talli nhar it-03.08.2006 ghal habta ta' 16:50hrs fi Triq bla isem fil-Qasam tad-Djar tac-Cawla, Rabat Ghawdex:-

1. Saq motorcycle FBA-532 b'manjiera traskurata u perikoluza (Art.15(1)(a) Kapitolu 65).
2. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habit bil-motorcycle tieghu ma karozza numru KAT-406 u nvolontarjament ikkagunalu

hsarat b’detriment ghal Carmel Sacco mir-Rabat, Ghawdex. (Artikolu 328 Kapitolu 9)

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi d-dinamika ta’ dan l-incident tidher b’mod car mill-iskizz esebit mill-PS 1346 Anton Schembri li investiga dana s-sinistru stradali. Illi jirrizulta illi l-vettura KAT406 misjuqa minn Carmel Sacco, li sfortunatament miet fil-mori ta’ dina l-kawza, kienet gejja minn Triq Anton Tabone u kienet ser tikser fuq ix-xellug taghha sabiex tidhol fi triq minghajr isem. Fiz-zmien li sehh l-incident jidher illi ma kien hemm l-ebda sinjali li jaghtu xi direzzjoni lis-sewwieqa u ghalhekk il-konfigurazzjoni ta’ dina t-triq kombinat mal-fatt illi faccata ta’ Triq Anton Tabone setghu jipparkeggjaw il-vetturi, kif jidher fl-iskizz, kif ukoll il-fatt illi dina t-triq dak iz-zmien kienet ghadha m’hijiex one-way, kien jezisti periklu ghall-utenti kollha ta’ dina t-triq. Ghalhekk sewwieq irid bil-fors joqghod iktar attent meta jkun qed isuq f’dawn l-inhawi. Jidher illi hekk kif Sacco dar sabiex jidhol f’dina t-triq minghajr isem huwa sab mutur misjuq mill-imputat gej faccata tieghu. Sacco zamm il-brejk izda ma setax jevita l-inicdent billi kien wisq vicin il-hajt u l-kantuniera. Ma jidhirx illi Sacco kien qieghed isuq b’xi velocita qawwija. Fil-fatt dana jghidu wkoll l-imputat stess. Dak li wassal sabiex sehhet din il-kollizzjoni ghalhekk kien il-fatt illi l-imputat bil-mutur tieghu bil-fors kellu jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u cioe’ mid-direzzjoni minn fejn kien gej Sacco sabiex jibqa ghaddej fid-dritt ghaliex dana ma setax jaghmlu minhabba l-vettura li kienet dakinhar ipparkeggjata bin-numru CBC556. Hekk kif Sacco dar il-kantuniera, kien tard wisq ghall-imputat sabiex jgahmel manuvra evasiva u ghalhekk habat mal-vettura ta’ Sacco.

Illi dana s-sinistru stradali ghalhekk sehh minhabba zewg fatturi. Principalment minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq u l-flow of traffic kif kien qed jimxi fiz-zmien tal-incident abbinat mal-fatt illi l-imputat invada l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Illi kien jinkombi fuq l-imputat illi hekk kif avvicina l-kantuniera ma' Triq Anton Tabone minflok jibqa jsuq bl-istess velocita li kien ghaddej biha, messu naqqas il-velocita hekk kif wasal qrib il-vettura li kienet ipparkeggjata sabiex jesplora t-triq u jivverifika jekk kienx gej xi traffiku mid-direzzjoni l-opposta qabel ma jinvadi l-karreggjata l-ohra. Il-Qorti ma tista' ssib l-ebda nuqqas fis-sewqan ta' Sacco li kiser il-kantuniera bi prudenza, b'velocita minima u zamm mal-hajt. Li kieku Sacco hareg iktar lejn nofs it-triq u ma halliex spazju minn fejn seta' jghaddi l-mutur allura l-Qorti kienet issib xi htija f'dana s-sewwieq ukoll, izda dan ma sehhx. Fil-fatt jidher illi mill-posizzjoni fejn waqfet il-vettura ta' Sacco, kien hemm bizzejjed spazju li kien jippermetti lill-imputat ighaddi li kieku huwa naqqas il-velocita hekk kif kien qed javvicina l-kantuniera u esplora t-triq sew.

Illi l-Qorti taqbel mal-konjluzjonijiet raggunti mill-espert minnha nominat Joseph Zammit li acceda fuq il-post tal-incident, fejn saret rikostruzzjoni tal-incident fil-presenza tal-partijiet u tas-surgent 1346 li investiga dana s-sinistru stradali. Fil-fatt Jospeh Zammit fir-rapport tieghu ighid hekk:
"Illi l-mutur jidher illi kien kompletament fuq in-naha il-hazina tat-triq, jidher ukoll sewwa mill-iskizz esebit Dokument CSS fejn tidher "parked car KAB-942 fejn jidher li bejn din il-karozza ipparkjata kien baqa' spazju anke ghal karreggjata u ghalhekk il-motor cycle … ma kellux ghalfejn jmur daqshekk lejn in-naha l-ohra wrong side. Kien ikollu iktar vizwali li kieku baqa' fuq in-naha tieghu mal-karozza ipparkjata biex jara aktar ahjar il-karozza li bdiet iddur mal-kantuniera bin-numru KAT-406."

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali ma hemmx dubbju illi l-imputat huwa responsabbli ghal dana s-sinistru stradali. Illi madanakollu s-sewqan tal-imputat ma jistax jitqies bhala sewqan perikoluz, izda iktar bhala wiehed traskurat billi l-imputat ma hax il-

prekawzzjonijiet kollha mehtiega meta gie biex jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta, haga li kellu jaghmel per necessita minhabba l-posizzjoni tal-vettura ipparkeggjata,  ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tghaddi biex tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi kien hemm nuqqas da parti tal-awtoritajiet ikkoncernati milli jaraw illi l-parti tat-triq fejn sehh l-incident kienet nieqsa ghal kollox minn sinjali tat-traffiku kif ukoll il-fatt illi kien qed jigi permess li jigu ipparkeggjati vetturi b'mod li tali parkegg kien qed johloq periklu ghas-sewwieqa billi kien qed jinvadi l-karreggjata taghhom fit-triq. Jidher illi llum dana kollu gie rimedjat izda sfortunatament b'konsegwenzi serji ghall-utenti tat-triq fosthom l-imputat li spicca jsofri b'dizabilita' permanenti f'saqajh.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat  15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' €100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------